MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 1018/2014

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-13 ta` Novembru 2014 li jaqra hekk –

*Illi, in forza tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 325 ta` l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta), l-intimat Registratur tal-Kumpanniji hassar l-isem tal-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, liema thassir gie ppubblikat permezz ta` avviz mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji fid-29 ta` Awissu 2014 (Dok. A) ;*

*Illi permezz tal-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge u datat tmienja ta` Mejju tas-sena 2001 il-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) iddikjarat li hija vera, certa u likwida debitrici tal-Bank fis-somma ta` mija sebgha u tletin elf tliet mija sitta u erbghin lira seba` centezmi (Lm 137,346.07) liema kreditu huwa kopert bl-ipoteka iskritta favur il-Bank u numerat 6664/01 (kopja tal-kuntratt hawn anexa u mmarkata Dok B) ;*

*Illi l-bank ghandu l-intenzjoni li jipprocedi ulterjorment kontra l-kumpannija msemmija sabiex l-esponenti jigbor il-kreditu lilu dovut mill-kumpannija msemmija ;*

*Illi ghalhekk huwa evidenti li l-bank esponenti ghandu interess u jhossu aggravat bil-fatt li l-isem tal-imsemmija kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) thassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. Dan ghaliex il-prezenza tal-kumpannija, hija necessarja sabiex il-bank ikun jista` jibda proceduri gudizzjarji kontra l-imsemmija kumpannija ghall-irkupru tal-kreditu lilu dovut u ghaldaqstant fin-nuqqas li l-istess kumpannija ma tergax tigi mdahhla fir-Registru tal-Kumpanniji l-bank esponenti ser isofri danni rreparabbli ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li isem is-socjeta` E J Agius Company Limited jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, b`dawk id-direzzjonijiet u provedimenti li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, u dan a tenur tas-sub-artikolu 4 tal-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat id-dokumenti li l-bank rikorrent ipprezenta flimkien mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fit-12 ta` Dicembru 2014 u li rapprezentant tieghu kkonferma bil-gurament. Taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fl-20 ta` Frar 1995.*

*Illi mir-registrazzjoni tal-compliance sabiex il-kumpannija de quo tigi regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji, il-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) naqset mill-obbligi legali taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini ta` l-istess Att. Tant hu hekk illi l-ahhar dokument li ntbaghat igib id-data tas-sena 2002.*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur tas-Socjetajiet jissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kenitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi in vista tas-suespost, fil-15 ta` April 2014 u fl-20 ta` Mejju 2014, ir-Registratur tas-Socjetajiet kiteb lill-kumpannija ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji biex javza li l-isem taghha kien ser jithassar minn fuq ir-Registru kemm –il darba ma tintwerix raguni valida biex dan ma jsehhx. Ittri simili ntbaghtu ukoll lid-*

*direttur fl-indirizz personali tieghu kif indikat skond ir-records tar-Registratur tal-Kumpanniji u f`dak li jidher illi hu l-indirizz personali tieghu skond l-Ufficcju Elettorali.*

*Illi konsegwentement ai termini tal-artikolu 325(2), fit-23 ta` Mejju 2014 ir-Registratur ipproceda bil-pubblikazzjoni ta` avviz fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum. Madanakollu fit-terminu ta` tlett xhur previst mil-ligi la l-kumpannija u la l-uniku direttur taghha u lanqas xi terzi persuni ma nfurmaw lir-Registratur illi kellhom interess illi l-kumpannija tibqa` fuq ir-registru. Ghalhekk ir-Registratur tas-Socjetajiet mexa sabiex ihassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru b`effett mit-23 ta` Awissu 2014.*

*Illi kif jidher car mill-fatti suesposti, ir-rikorrent kellu bizzejjed zmien kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni ta` l-avvizi kollha biex jinforma lir-Registratur tas-Socjetajiet dwar x`interess illi seta` kellu sabiex din il-kumpannija tibqa` fuq ir-Registru izda dan baqa` inadempjenti.*

*Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu biex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru bhala kreditur ai termini tas-subartikolu 4 ta` l-artikolu 325 ta` l-Att. Dan tal-ahhar jipprovdi illi tali rimedju mitluba jista` jinghata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi minkejja illi l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, ir-responsabilita` tal-kumpannija u ta` kull ufficjal u membru taghha ghanha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma kien qatt thassar mninn fuq ir-registru.*

*Illi r-Registratur japprezza illi meta f`bhal dan il-kaz ikun kreditur illi jkun qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitpogga lura fuq ir-registru, dina l-Qorti m`ghadhiex kontroll fuq l-agir tal-kumpannija. Dan ghaliex l-isem tal-kumpannija jkun qieghed jerga` jitpoigga fuq ir-registru semplicement ghall-beneficcju tal-kreditur. Ir-Registratur jixtieq umilment jissolleva illi f`hafna kazijiet bhal tal-lum il-kreditur jaghzel li jaghmel rikors il-Qorti sabiex jitqieghed lura fuq ir-registru l-isem tal-kumpannija anke jekk ikun jaf li l-kumpannija ma jkollha ebda assi. Barra minn hekk ir-Registratur jifhem li l-kredituri odjerni ghandhom triq ohra billi jistghu jindirizzaw it-talba taghhom kontra l-ufficjali tal-kumpannija personalment*

*aktar minn kontra l-kumpannija per se, meta jidher car illi din ma ghandha ebda assi ta` valur.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi jekk hu possibbli meta tigi biex taghti s-sentenza dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra illi ghandu jinstab bilanc bejn dak li jirrigwarda l-interessi tar-registru pubbliku tal-kumpanniji illi ma jispiccax b`hafna kumpanniji li mhumiex in regola ma` l-Att fuq ir-registru ghalk zmien indefinit u minghajr ma ghandhom l-ebda attivita` jew assi, u min-nahga l-ohra l-kreditur tal-kumpannija in kwistjoni illi l-interess tieghu ikun biss illi jigi mhallas il-kreditu tieghu u dan fid-dawljekk il-fatt li l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-registru mhuwiex sejjer jaghmel xi differenza dwar il-possibilita` reali illi jigi sodisfatt l-kreditu tieghu.*

*Dan salv kull provvediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Minghajr pregudizzju, f`kaz li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitpogga fuq ir-registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza ghandu jigi ndikat l-iskop, il-kondizzjonijiet u t-termini mehtiega.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet id-deposizzjoni ta` l-Prokuratur Legali Catherine Fenech fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>**

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli Il-bank rikorrent, bhala kreditur tal-kumpannija li thassret mir-registru, qieghed jitlob li dak l-isem tal-kumpannija debitrici tieghu jitqieghed mill-gdid fir-registru abbazi <u>tas-subartikolu erbgha (4)</u>. Huwa ben evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, din il-Qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha abbazi tal-provi akkwiziti.**

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f `Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta` l-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta` l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra*

*li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali ta` l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità,*

*jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl- Ordinanza.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi **<u>unikament</u>** minhabba l-inadempjenzi tal-kumpannija E J Agius Company Limited fil-konfront tal-intimat (kif imfisser ahjar fir-risposta) l-intimat, bhala regolatur, kellu bizzejjed ragun biex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem ta` dik il-kumpannija minn fuq ir-registru skond is-subartikolu (1) tal-Art 325. Jidher illi l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325 (ara fol 2 sa fol 7). U ghaliex E J Agius Company Limited u l-uniku direttur taghha xorta wahda baqghu inadempjenti, skatta t-thassir ta` l-isem taghha mir-registru skond l-istess subartikolu (2) tal-Art 325.

**Din il-Qorti tghid illi kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha, u sal-grad rikjest mil-ligi, illi l-azzjonijiet kollha li ha l-intimat, mill-bidu sal-ahhar, fir-rigward tal-kumpannija in kwistjoni, saru skond il-ligi.**

Din il-Qorti tghid illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art 325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti

legali taghha fiz-zmien in kwistjoni, li jridu jissodisfaw lill-intimat illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-intimat ma jipprocedix bit-thassir.  Jekk dawk il-persuni jew ma jiehdux azzjoni inkella ma jissodisfawx lill-intimat fit-terminu ta` tliet xhur, id-dekorrenza ta` dak l-istess terminu johloq stat fil-konfront tal-kumpannija u l-isem jithassar.

Fl-istess waqt, din il-Qorti tghid ukoll illi t-thassir tal-isem skond is-subartikolu (2) tal-Art 325 mhuwiex intiz sabiex jolqot lil dawk il-persuni li huma indikati fis-subartikolu (4) tal-Art 325.

Il-persuni skond l-Art 325(4) huma :-

i) membru **jew**

ii) kreditur tal-kumpannija, **jew**

iii) xi persuna **ohra** li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru.

Ghalhekk id-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat fil-konfront ta` dawn il-persuni.  Dment illi **dawk** il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art.325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru.

Is-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma distinti ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

Fuq il-pjan fattwali, il-bank rikorrent mhux jikkontesta l-korrettezza tal-agir tal-intimat.

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta illi bil-kuntratt tat-8 ta` Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge (Dok B a fol 8 et seq) kien hemm kostituzzjoni u rikonoxximent ta` kreditu li l-bank rikorrent kellu fil-konfront tal-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842), bhala debitur principali, li kienet rapprezentata fuq l-att minn Eugenio Agius u Jesmond Agius. Fuq il-kuntratt dehru wkoll l-istess Eugenio Agius, martu Josephine Agius, u l-istess Jesmond Agius u martu Rosarita Agius, bhala garanti *in solidum* mad-debitur principali. Il-kreditu tal-bank rikorrent kien ghal ammont globali ta` Lm 138,760.91c (Lm 137,346.07 + Lm 1,414.84). Apparti l-ipoteka generali li l-bank diga` kellu fuq il-propjeta` ta` E J Agius Company Limited, bis-sahha tal-kuntratt kienet iskritta ipoteka generali fuq il-propjeta` tal-garanti, u ipoteka specjali fuq immobbli li huma ndikati fil-kuntratt.

Skond ix-xiehda tar-rapprezentant tal-bank rikorrent, il-kapital dovut lill-bank jammonta ghal €102,123.87, l-imghax sal-21 ta` Dicembru 2014 jammonta ghal €32,861.19, u kkonferma wkoll illi l-ammont imsemmi ghadu dovut u ghadu qed jakkumula l-imghax.

Kienet x`kienet ir-raguni ghala l-isem tal-kumpannija debitrici lahaq thassar, din il-Qorti terga` ssostni li d-dekorrenza tat-terminu skond is-subartikolu (2) tal-Art 325 ma jikkostitwix pregudizzjali kontra l-bank rikorrent li jressaq it-talba skond is-subartikolu (4) tal-Art 325. Meqjus b`reqqa l-istess subartikolu (4) fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti tghid fl-ewwel lok illi l-bank rikorrent jikkwalifika biex iressaq l-istanza tal-lum ghax jirrizulta li huwa kreditur, fit-tieni lok jirrizulta illi l-bank rikorrent kien pront agixxa fi zmien ta` anqas minn tliet xhur wara l-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir u allura *entro* l-hames (5) snin li jissemma fis-subartikolu (4), u fit-tielet lok hija l-Qorti hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru. Dan l-ahhar riliev qieghed isir ghaliex jirrizulta li kontra E J Agius Company Limited il-bank rikorrent ghandu biss ipoteka generali ; u ghandu ipoteka generali ohra u ipoteka specjali fuq il-propjeta` tal-garanti solidali. Il-Qorti tifhem ir-riskju tal-bank rikorrent illi ghax ma jkunx jista` jenforza l-kreditu illi ghandu kontra d-debitur principali (billi l-isem ikun thassar mir-registru) jispicca illi ma jkunx jista` jenforza l-kreditu kontra l-garanti solidali. Dan il-punt partikolari qieghed jigi rilevat sabiex tigi ndirizzata l-osservazzjoni li ghamel l-intimat fir-risposta tieghu meta qal hekk : *Barra minn hekk, ir-Registratur jifhem li l-kredituri odjerni ghandhom triq ohra billi jistghu jindirizzaw it-talba taghhom kontra l-ufficjal tal-*

*kumpannija personalment aktar milli kontra l-kumpannija per se meta jidher li din m`ghandha ebda assi ta` valur.*

Fl-istess waqt, u riferibbilment ghall-osservazzjoni li ghamel l-intimat fir-risposta tieghu meta qal : *illi jekk hu possibbli meta tigi biex taghti s-sentenza dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra illi ghandu jinstab bilanc bejn dak li jirrigwarda l-interessi tar-registru pubbliku tal-kumpanniji illi ma jispiccax b`hafna kumpanniji li mhumiex in regola ma` l-Att fuq ir-registru ghal zmien indefinit u minghajr ma ghandhom l-ebda attivita` jew assi, u min-naha l-ohra l-kreditur tal-kumpannija in kwistjoni illi l-interess tieghu ikun biss illi jigi mhallas il-kreditu tieghu u dan fid-dawl jekk il-fatt li l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-registru mhuwiex sejjer jaghmel xi differenza dwar il-possibilita` reali illi jigi sodisfatt l-kreditu tieghu,* il-Qorti tirrileva illi propju ghaliex tifhem id-dmirijiet u l-esigenzi regolatorji tal-intimat, din il-Qorti qeghda tipprovdi li l-isem tal-kumpannija E J Agius Company Limited ghandu jerga` jidhol fir-registru ghal perijodu ta` zmien limitat. B`dan il-mod, il-bank rikorrent ikollu zmien bizzejjed biex jirkupra l-kreditu tieghu anke kontra l-garanti solidali. Din il-Qorti trid tassikura li l-bank rikorrent jagixxi fil-pront in tutela tal-interessi tieghu ghaliex ma ghandha l-ebda kontroll li bil-fatt li l-isem tad-debitur principali jerga` jidhol fir-registru, dan sejjer jottempera ruhu mal-obbligi tieghu skond il-Kap 386. Huwa dmir tal-qorti li fl-applikazzjoni tal-ligi tfittex bilanc gust u ragonevoli.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda, bl-applikazzjoni tal-Art 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprovdi hekk -**

**1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) jerga` tidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat ghal zmien sentejn b`effett mid-data illi fiha r-Registratur tal-Kumpanniji jaghmel ir-registrazzjoni skond kif sejjer jinghad.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien ghaxart (10) ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qrati jikkonsenjalu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) fir-Registru tal-Kumpanniji, ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija E J Agius Company Limited (C17842) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**6. Tordna lill-bank rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-procedura nkluz dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------